

Brussell, 18 ta' Awwissu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0271(NLE)

11288/21
ADD 1

TRANS 505

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Awwissu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 478 final
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-15-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Ferrovjarju Internazzjonali (OTIF)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 478 final.

Mehmuż: COM(2021) 478 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.8.2021
COM(2021) 478 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-15-il Assemblea
Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Ferrovjarju
Internazzjonali (OTIF)**

ANNEX

1. INTRODUZZJONI

Il-15-il sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Ferrovjarju Internazzjonali (OTIF) se ssir fit-28 u fid-29 ta' Settembru 2021. Id-dokumenti tal-laqgħat huma disponibbli fuq is-sit web tal-OTIF permezz ta' dan il-link:

http://extranet.otif.org/fr/?page_id=140

2. IL-POŻIZZJONI TAL-UNJONI DWAR ĊERTI PUNTI FL-AĠENDA

Il-Punt 1 fl-Aġenda — L-elezzjoni tal-President u tal-Viċi President

<i>Dokument(i):</i>	L-ebda
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Istati Membri
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda

Il-Punt 2 fl-Aġenda — L-adozzjoni tal-aġenda

<i>Dokument(i):</i>	SG-21009-AG 15/2
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	Favur l-adozzjoni tal-abbozz tal-aġenda

Il-Punt 3 fl-Aġenda – Il-formazzjoni tal-Kumitat tal-Kredenzjali

<i>Dokument(i):</i>	L-ebda
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Istati Membri
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda

Il-Punt 4 fl-Aġenda – L-organizzazzjoni tal-ħidma u d-deżinjazzjoni ta' kwalunkwe Kumitat meqjus meħtieġ

<i>Dokument(i):</i>	L-ebda
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Istati Membri
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda

Il-Punt 5 fl-Aġenda — L-istatus tal-Konvenzjoni u tas-sħubija tal-OTIF

<i>Dokument(i):</i>	SG-21010-AG15/5
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet</i>	Mhux applikabbli

<i>tal-vot:</i>	
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda

Il-Punt 6 fl-Aġenda – L-elezzjoni ta’ Segretarju Ġenerali għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2022 sal-31 ta’ Diċembru 2024

<i>Dokument(i):</i>	Distribuzzjoni ristretta
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Istati Membri
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda

Il-Punt 7 tal-Aġenda — L-istrategġija fit-tul tal-OTIF

<i>Dokument(i):</i>	SG-21017-AG 15/7
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	<p>Appoġġ għall-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali biex tiġi żviluppata strategġija fit-tul għall-OTIF.</p> <p>Jiġi nnotat ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali u jiġi apprezzat li l-kummenti pprovduti mill-UE matul il-proċess ta’ konsultazzjoni ġew ikkunsidrati b’mod effettiv.</p> <p>Appoġġ għall-proposta għal deċiżjoni mill-Assemblea Ġenerali biex:</p> <ul style="list-style-type: none"> - is-Segretarju Ġenerali jingħata l-istruzzjonijiet biex jitthejja abbozz revedut ta’ proposta għal strategġija fit-tul, li għandu jkun ibbażat fuq l-abbozz mibgħut bl-ittra ċirkolari SG-21001 (ara l-Anness 1) u aġġornat f’konformità mar-reazzjoni tas-Segretarju Ġenerali għall-feedback riċevut fil-konsultazzjoni (il-parti D tad-dokument SG-21017-AG 15/7) u mar-riżultati tad-diskussjonijiet fil-15-il Assemblea Ġenerali, u - is-Segretarju Ġenerali jingħata l-istruzzjonijiet f’konsultazzjoni mal-organi tal-OTIF biex titħejja strategġija fit-tul għall-OTIF u tiġi ppreżentata għall-adozzjoni fis-sessjoni ordinarja li jmiss tal-Assemblea Ġenerali li hija skedata għall-ħarifa tal-2024. <p>Matul id-diskussjonijiet ulterjuri fi ħdan l-OTIF dwar din il-kwistjoni, l-Unjoni għandha tistinka biex tiżgura li l-istrategġija fit-tul tal-OTIF tkun konsistenti mal-Istrategġija tal-UE Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja, u mal-obiettivi rilevanti tal-politika tat-trasport</p>

	ferrovjarju tal-UE, li l-formulazzjoni ta' objettivi strateġiċi fit-tul għall-OTIF tkopri b'mod adegwat l-għanijiet tal-organizzazzjoni u ma twassalx biex jiżiedu objettivi ġodda mal-OTIF u/jew biex tiġi fformulata interpretazzjoni tal-obiettivi eżistenti li timplika estensjoni tal-kompetenzi tal-OTIF, li l-impatt potenzjali tal-istrateġija fit-tul fuq l-organizzazzjoni u r-riżorsi tal-OTIF jiġi vvalutat u ddokumentat bħala parti mill-proposta għal abbozz revedut ta' proposta, u li l-istrateġija, ladarba tiġi adottata, tiġi implimentata primarjament bl-użu ta' għodod u proċeduri eżistenti, kif stabbilit fil-COTIF (il-programm ta' ħidma, il-baġit, ir-rapporti dwar il-ġestjoni, l-attivitajiet tal-organi, eċċ.).
<i>Kummenti:</i>	Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-konsultazzjoni organizzata dwar l-abbozz ta' proposta għall-istrateġija fit-tul għall-OTIF ġiet ippreżentata lis-Segretarjat tal-OTIF fis-17 ta' Marzu 2021 u huwa riprodott fl-Anness ta' SG-21017-AG 15/7. L-UE laqgħet l-inizjattiva iżda ssuġġeriet li l-abbozz ta' strateġija mhuwiex żviluppat biżżejjed. Hemm bżonn iktar analiżi ta' sfond u diskussjoni fil-livell tal-esperti. Jenħtiegħ li l-punt tat-tluq ikun l-analiżi tas-sitwazzjoni eżistenti fit-trasport ferrovjarju internazzjonali, inkluż l-immappjar tal-isfidi attwali u emerġenti, u l-kunsiderazzjoni tal-evidenza legali, ekonomika, ambjentali u teknoloġika rilevanti.

Il-Punt 8, a) tal-Aġenda — Ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-Kumitat *ad hoc* dwar il-Kooperazzjoni u l-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Legali

<i>Dokument(i):</i>	SG-21018-AG 15/8.1
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviżiva u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	<p>Jiġi nnotat ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-Kumitat <i>ad hoc</i> dwar il-Kooperazzjoni u tal-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Legali u tiġi rrikonoxxuta l-importanza li titkompla u tiġi ssimplifikata l-ħidma ta' dawn iż-żewġ korpi.</p> <p>Appoġġ għad-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali għall-fużjoni tal-Kumitat <i>ad hoc</i> dwar il-Kooperazzjoni u l-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Legali f'Kumitat <i>ad hoc</i> uniku għall-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali.</p> <p>Approvazzjoni tal-mandat propost tal-Kumitat <i>ad hoc</i> għall-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, għall-ewwel perjodu ta' tliet snin, u diment li jinkludi r-rekwiżit li l-attivitajiet tiegħu jiġu kkoordinati mal-organi definiti fl-Artikolu 13 § 1 tal-COTIF. Jekk dan ir-rekwiżit ma jiġix aċċettat mill-Assemblea Ġenerali, jenħtiegħ li l-Unjoni tagħmel dikjarazzjoni unilaterali li</p>

	tiddikjara li hija l-fehma tal-Unjoni Ewropea li dan il-Kumitat <i>ad hoc</i> għandu jikkoordina l-attivitajiet tiegħu mal-organi definiti fl-Artikolu 13 § 1 tal-COTIF.
<i>Kummenti:</i>	Ir-rapport ippreżentat mis-Segretarju Ġenerali jindika li l-Kumitat <i>ad hoc</i> dwar il-Kooperazzjoni u l-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Legali effettivament issodisfaw il-mandati tagħhom u wrew il-valur tagħhom fil-kuntest tal-iżvilupp tal-liġi dwar l-OTIF u t-tiżiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali. Fir-raba' sessjoni tagħhom f'April 2021, iż-żewġ korpi qablu dwar proposta konġunta biex jorganizzaw mill-ġdid il-ħidma tagħhom fil-futur u biex inaqqsu l-piż amministrattiv, permezz tal-istabbiliment ta' Kumitat <i>ad hoc</i> uniku.

Il-Punt 8, b) tal-Aġenda — Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istrumenti legali

<i>Dokument(i):</i>	SG-21019-AG 15/8.2
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	Appoġġ għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istrumenti legali. Appoġġ għall-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istrumenti legali.
<i>Kummenti:</i>	L-abbozz ta' Deċiżjoni propost jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet legali meħtieġa għall-organizzazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-politika ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni tal-istrumenti legali tal-OTIF (il-kamp ta' applikazzjoni, l-ippjanar u l-prijoritizzazzjoni, il-kooperazzjoni, il-ġbir tad- <i>data</i> , il-valutazzjoni u s-segwitu), skont l-oġettivi tal-Programm ta' Ħidma tal-OTIF.

Il-Punt 8, c) tal-Aġenda — Modifika tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali rigward il-parteciċipazzjoni u r-rappreżentanza (kredenzjali)

<i>Dokument(i):</i>	SG-21020-AG 15/8.3
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	Appoġġ għall-adozzjoni tal-emendi għall-Artikoli 4 sa 7 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali. Appoġġ għall-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar l-Artikoli 4 sa 7 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali.

<i>Kummenti:</i>	Il-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Legali ħejja proposti biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali rigward il-kredenzjali, bil-ħsieb li jittejbu u li jiġu ċċarati.
------------------	--

Il-Punt 8, d) tal-Aġenda — Inizjattiva tal-UNECE dwar il-Liġi Ferrovjarja Unifikata

<i>Dokument(i):</i>	SG-21021-AG 15/8.4
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviżiva u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	<p>Jiġu nnotati r-rapport tas-Segretarju Ġenerali u l-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Legali dwar l-approċċi possibbli għall-unifikazzjoni tal-liġi ferrovjarja;</p> <p>Ikun hemm qbil mal-proposta għal deċiżjoni mill-Assemblea Ġenerali biex:</p> <ul style="list-style-type: none"> - tiġi appoġġata l-formazzjoni u l-adozzjoni ta' liġi dwar l-interfaċċa bejn il-COTIF/is-CIM u l-SMGS biex jiġi ffaċilitat it-trasport ferrovjarju internazzjonali tal-merkanzija bejn l-Ewropa u l-Asja, diment li din il-liġi dwar l-interfaċċa ma tridx tkun f'kunflitt mas-CIM UR u mal-SMGS; - is-Segretarju Ġenerali jingħata l-istruzzjonijiet biex ikompli jipparteċipa fil-ħidma tal-UNECE dwar il-proġett għall-unifikazzjoni tal-liġi ferrovjarja u jagħti struzzjonijiet lill-Kumitat <i>ad hoc</i> għall-affarijiet legali u l-kooperazzjoni internazzjonali biex jimmonitorja l-proġett tal-UNECE rigward l-unifikazzjoni tal-liġi ferrovjarja; <p>Tiġi mtennija d-deċiżjoni meħuda fit-13-il sessjoni tagħha, fejn tirrikonoxxi li trid tiegħu deċiżjoni minn qabel fir-rigward tal-parteeċipazzjoni fit-tnejn ta' kwalunkwe test ġdid dwar il-liġi ferrovjarja internazzjonali li l-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi tagħha jistgħu jkunu f'kunflitt jew jikkoinċidu parzjalment mal-kamp ta' applikazzjoni tal-COTIF u mal-objettivi tal-OTIF.</p>
<i>Kummenti:</i>	Is-suġġett jikkonċerna l-armonizzazzjoni u l-unifikazzjoni tal-liġi dwar it-trasport ferrovjarju għat-traffiku internazzjonali fl-Ewrasja li attwalment huwa ġestit permezz ta' żewġ reġimi legali distinti: (1) il-COTIF amministrat mill-OTIF, inkluż l-Appendiċi B tiegħu "Regoli Uniformi dwar il-Kuntratt tal-Ġarr Internazzjonali ta' Prodotti bil-Ferrovija (CIM UR)"; (2) il-Ftehim dwar it-Traffiku Ferrovjarju Internazzjonali (SMGS) amministrat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni bejn il-Ferroviji (OSJD). L-objettiv tal-inizjattiva tal-UNECE dwar il-Liġi Ferrovjarja

	<p>Unifikata (URL) huwa li jiġi żviluppat approċċ għall-unifikazzjoni tal-liġi dwar it-trasport ferrovjarju bil-ħsieb li jittejjbu l-effiċjenza u l-kompetittività tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija tal-Ewro-Asjatiċi. L-esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, li pparteċipaw f'din l-attività fl-UNECE, irrakkomandaw approċċ pragmatiku u gradwali, li jibda, bħala l-ewwel pass, bl-adozzjoni possibbli ta' "Konvenzjoni dwar il-kuntratt URL ta' ġarr", li tista' teżisti flimkien mar-regoli rilevanti tal-OTIF u tal-OSJD. Tali liġi dwar l-interfaċċa bejn il-COTIF/is-CIM u l-SMGS timla lakuna fir-regolamenti internazzjonali għall-ġarr internazzjonali meta la s-CIM UR u lanqas l-SMGS ma jkunu jistgħu jiġu applikati tul il-vjaġġ kollu (it-traffiku bejn l-Ewropa u l-Asja).</p>
--	---

Il-Punt 9 tal-Aġenda — Ir-regoli dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali

<i>Dokument(i):</i>	SG-21022-AG 15/9
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	<p>Appoġġ għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali iżda ssir talba biex l-Artikolu 5 (Kriterji ta' kwalifika) jiġi emendat kif ġej: "<i>għarfien tat-tliet lingwi ta' ħidma tal-OTIF, bil-kapaċità li jabbozza faċilment u b'mod fluwenti b'waħda mil-lingwi ta' ħidma</i>".</p> <p>Appoġġ għall-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar l-abbozz ta' Regolament, kif modifikat fis-sessjoni jekk meħtieġ biex jirrifletti l-proposta ta' hawn fuq għal emenda għall-Artikolu 5 tal-abbozz ta' Regolament.</p> <p>Appoġġ għall-adozzjoni tal-emendi għall-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali u appoġġ għall-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali.</p> <p>Appoġġ għall-adozzjoni tal-emendi għall-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali u l-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali li jirrigwardaw l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali.</p>
<i>Kummenti:</i>	Għad-differenza tal-kriterji ta' kwalifika applikati preċedement għall-applikanti għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-OTIF (l-għarfien tat-tliet lingwi ta' ħidma tal-OTIF, bil-kapaċità li jabbozza faċilment u b'mod fluwenti b'waħda mil-lingwi ta')

	ħidma), ir-Regolament propost jagħmel enfasi espliċita fuq l-għarfien tal-Ingliż. Barra minn hekk, ikun meħtieġ l-għarfien ta' tnejn biss mil-lingwi ta' ħidma tal-OTIF.
--	--

Il-Punt 10 fl-Aġenda – Il-modifika tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali

<i>Dokument(i):</i>	SG-21024-AG 15/10
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	<p>Appoġġ għall-adozzjoni tal-emendi għall-Artikoli 4 sa 7, 10, 22 u 28 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali u sostituzzjoni tar-Regoli ta' Proċedura mal-verżjoni kkonsolidata stabbilita fl-Anness 1 ta' SG-21024-AG 15/10.</p> <p>Appoġġ għall-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar l-Artikoli 4 sa 7, 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali u sostituzzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni mal-verżjoni kkonsolidata stabbilita fl-Anness 2 ta' SG-21024-AG 15/10.</p>
<i>Kummenti:</i>	Kif indikat taħt il-punti 8, c) u 9 tal-aġenda, l-Assemblea Ġenerali se tiddeċiedi dwar il-proposti għal modifika tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali. Jenħtieġ li tiġi ppreżentata verżjoni kkonsolidata tal-emendi kollha għall-kunsiderazzjoni u għall-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali.

Il-Punt 11 fl-Aġenda – Il-qafas tal-baġit

<i>Dokument(i):</i>	Distribuzzjoni ristretta
<i>Kompetenza:</i>	L-Istati Membri
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Istati Membri
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda
<i>Kummenti:</i>	Skont l-Artikolu 4 tal-ftehim ta' adeżjoni bejn l-UE u l-OTIF, "L-Unjoni ma għandhiex tikkontribwixxi għall-baġit tal-OTIF u ma għandhiex tiegħu sehem f'deċiżjonijiet li jirrigwardaw dak il-baġit".

Il-Punt 12 fl-aġenda – Ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-Kumitat Amministrattiv fil-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2018 u t-30 ta' Settembru 2021

<i>Dokument(i):</i>	Distribuzzjoni ristretta
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Istati Membri
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda

Il-Punt 13 fl-aġenda – L-elezzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2018 u t-30 ta' Settembru 2021 (il-kompożizzjoni u l-Presidenza)

<i>Dokument(i):</i>	Distribuzzjoni ristretta
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Istati Membri
<i>Pożizzjoni:</i>	L-ebda

Il-Punt 18 fl-aġenda – L-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet, ta’ mandati, ta’ rakkomandazzjonijiet u ta’ dokumenti oħra tal-Assemblea Ġenerali (dokument finali)

<i>Dokument(i):</i>	Distribuzzjoni ristretta
<i>Kompetenza:</i>	L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni
<i>Pożizzjoni:</i>	Kif speċifikat fil-punti rilevanti fl-aġenda.